**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**ĠURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI ĠENERALI**

**Maġistrat Dr. Brigitte Sultana LL.D. LL.M. (Cardiff). Adv. Trib Eccl. Melit**

**Rikors Ġuramentat numru: 34/2020BS**
**fl-ismijiet:**

**Manuel Tabone (K.I. 20179G) u Marica Tabone Vella (K.I. 543280M)**

**Vs**

**Emanuel Mizzi (K.I. 67256G) u Maria konjuġi Mizzi (K.I 5658G)**

**Illum, it-28 ta' Mejju 2021**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat u maħluf minn Manuel Tabone K.I 20179(G) nhar il-21 ta' Mejju 2020 li jiddikjara bir-rispett u jikkonferma:

1. Illi l-atturi huma proprjetarji tal-fond mingħajr isem u mingħajr numru ġieli indikat bin-numru għaxra (10) u drabi oħra ndikat bin-numru disgħa (9) ittra "A" (9A) fi Triq Sant' Indrija kantuniera ma' Triq is-Sajjieda, Xlendi limiti Munxar Għawdex, liema propjeta ġiet akkwistata minnhom bis-saħħa ta' kuntratt tan-Nutar Maria Grima tat-23 ta' Frar 2016;

2. Illi din il-proprjeta tikkonsisiti f'numru ta' kmamar u bitħa;

3. Illi l-konvenuti huma proprjetarji tal-fond ossia appartament internament immarkat bhala l-appartament 7C fi Triq Sant Andrija, Xlendi l/o Munxar, Għawdex, liema fond huwa sovrappost għall-propjeta' tal-atturi fuq imsemmija;

4. Illi riċentament u ċioe fis-16 ta' April 2020 ġiet iffurmata u nfetħet tieqa illi mill-propjeta tal-konvenuti fuq imsemmija tagħti għal fuq il-bitħa sottostanti propjeta tal-atturi; liema tieqa tiftaħ ukoll għal fuq il-propjeta' tal-atturi stess;

5. Illi din it-tieqa nfetħet u ġiet iffurmata fl-istess post fejn preċedentement kien hemm ventilatur, liema ventilatur pero kien ovvjament ferm iċken fil-qies u liema ventilatur kien ingħalaq mill-atturi xi snin qabel;

6. Illi din it-tieqa ġiet iffurmata mill-konvenuti jew min minnhom jew altrimenti fuq struzzjonijiet tagħhom;

7. Illi din it-tieqa ġiet iffurmata illegalment u abbużivament kontra r-rieda tal-atturi, u dan l-aġir da parti tal-konvenuti jikkostitiwixxi spoll vjolenti u klandestin a dannu tal-attur;

8. Illi minkejja illi l-konvenuti ġew interpellati diversi drabi sabiex jirregolaw il-pozizzjoni tagħhom huma baqgħu indampjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

9. Illi l-esponenti jaf dawn il-fatti personalment;

Għaldaqstant jgħidu għalhekk il-konvenuti għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:-

1. Tiddikjara li l-ftuħ tat-tieqa fuq imsemmija li mill-fond tal-konvenuti jagħti għall-fond tal-atturi jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin għad-dannu tal-istess atturi;

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju

jisporgaw dan l-istess billi jgħalqu u jissiġillaw l-imsemmija apertura, u fin-nuqqas tawtorizza li l-istess xogħol isir mill-atturi a spejjeż tal-istess konvenuti:

U dan taħt dawk il-provvedimenti kollha illi din l-istess Qorti jista' jidrilha xierqa u opportuni skont il-każ.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti bl-inġunzjoni minn issa għas-subizzjoni, u b'riserva għal kull azzjoni għad-danni spettanti lill-atturi.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Emanuel u Maria Mizzi, ippreżentata fl-24 ta' Lulju 2020[1], fejn bil-ġurament tiegħu Emanuel Mizzi jikkonferma bil-ġurament illi:

1. Illi t-talbiet kollha attriċi ghandhom jiġu miċħuda stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

2. Illi l-esponenti ma jaqblux ma dak li ġie premess mill-atturi liema tieqa fil-ħajt tikkostitwixxi servitu favur il-fond tal-konvenuti hekk kif ġiet aċċettata fil-kuntratt tal-akkwist tal-atturi stess;

3. Illi fost affarijiet oħra, din il-kawża ta' spoll ma tistax tirnexxi stante li ma hemmx pussess materjali kif titlob il-Liġi u għaldaqstant it-talbiet eċċepiti huma infondati;

4. Illi l-elementi tal-ispoll jitlob li jkun hemm azzjoni spoljattiva liema azzjoni spoljattiva bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma tista tissustixxi f'dan il-każ odjern. Għall-kuntrarju ta' dan kollu kien l-aġir tal-atturi li kien ta' natura spoljattiva, kif del resto kienet l-intenzjon tal-atturi mill-bidu nett, kif sejjer jiġi iktar ippruvat fil-kontro-talba tal-konvenuti ppreżentata kontestwalment ma din ir-risposta;

5. Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, din l-azzjoni trid tiġi eżerċitata entro it-terminu legali.

6. Salv risposti ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

[1] A folio 9 tal-proċess

Rat il-Kontro-Talba ġuramentat ta` Emanuel (67256G) u Maria (5658G) konjuġi Mizzi, fejn jesponu bir-rispett u bil-ġurament jikkonferma Emanuel Mizzi;

1. Illi l-konjuġi Mizzi huma s-sidien tal-fond nternament mmarkat bin-numru 7C fi Triq Sant Indrija, Xlendi limiti Munxar, Għawdex liema fond huwa sovrappost il-fond tal-atturi rikonvenzjonati;

2. Illi l-atturi rikonvenzjonati huma s-sidien tal-fond sottostanti bil-bitħa liema bitha jħarsu fuqha l-fondi sovrastanti fosthom il-fond tal-konjuġi Mizzi;

3. Illi l-fond tal-konjuġi Mizzi ghandu toilet li jhares ghal fuq il-bitha tal-atturi rikonvenzjonati minn fejn kienet tghaddi ukoll medda tad-drenagg li isservi lill-fond tal-konjuġi Mizzi;

4. Illi l-hruġ tad-drenaġġ ossia toqba fil-hajt tat-toilet tal-fond tal-konjuġi Mizzi tinsab interament fil-propjeta` tal-konjuġi Mizzi;

5. Illi l-fond tal-konjuġi Mizzi huwa għalhekk il-fond dominanti fuq il-fond servjenti tal-atturi rikonvenzjonati;

6. Illi jidher illi l-atturi rikonvenzjonati jew lil min qabbdu kienu f' xi zmien b'mod abbuziv u klandestin għamlu l-hsara u qalgħu parti minn din il-medda tad-drenaġġ u għalqu dan il-ħruġ superfiċjalment biex jkunu jistgħu japplikaw ghal permess tal-izvilupp;

7. Illi aktar kmieni din is-sena l-konjuġi Mizzi kienu hadu hsieb jifthu din it-toqba fil-ħajt sabiex jkunu jistgħu jirranġaw il-komunikazzjoni tad-drenaġġ tagħhom;

8. Illi reċentement, propju fil-25 ta' Mejju 2020 l-atturi rikonvenzjonati jew min ġie imqabbad minhom għalqu dan il-hruġ ossia toqba fil-hajt tat-toilet tal-fond tal-konjuġi Mizzi li sservi ghall-hruġ tad-drenagg mill-imsemmi fond billi wahhlu pjanca tal-ħadid quddiema minn naha tal-bitħa;

9. Illi din l-istess pjanċa tal-ħadid tinsab imwaħħla mal-ħajt tal-fond tal-konjuġi Mizzi u għaldaqstant l-atturi rikonvenzjonati ma kellhom l-ebda jedd li jagħmlu uzu jew jagħmlu xogħolijiet fuq dik il-parti tal-ħajt;

10. Illi dan l-aġir tal-atturi rikonvenzjonati jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin u għalhekk l-atturi ma kellhom l-ebda triq oħra għajr li jipproċedu b' din il-kawża;

11. Illi permezz ta' ittra uffiċjali datata 12 ta' Gunju 2020 il-konjuġi Mizzi talbu biex jiġu mitkelma bejn il-partijiet il-vertenzi li hemm; liema proposta ġiet ikkundizzjonata mill-atturi rikonvenzjonati u ma tħalliet l-ebda possibilita` ta' transazzjoni bejn il-partijiet kif turi l-ittra uffiċjali responsiva tat-3 ta' Lulju 2020;

12. Illi għalhekk qed issir din il-kawża entro it-terminu tal-Liġi;

13. Illi Emanuel Mizzi jiddikjara li jaf bil-fatti fuq premessi personalment.

Ghaldaqstant il-konjuġi Mizzi umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti, previa dawk id-dikjarazzjonijiet jew provvedimenti ohra li jidhrilha opportuni, jogħġobha:

i) Tiddeċiedi u tiddikjara li l-atturi rikonvenzjonati ikkommettew spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tal-konjuġi Mizzi meta għalqu jew qabdu lil min jgħalaq it-toqba li minnha jgħaddu l-komunikazzjonijiet tad-drenaġġ mill-fond tal-konjuġi Mizzi;

ii) Tikkundanna u tordna lill-atturi rikonvenzjonati sabiex jirreinteġraw lill-atturi fil-pussess tagħhom ta' din it-toqba li minnha jgħaddu l-komunikazzjonijiet tad-drenaġġ mill-fond tal-konjuġi Mizzi fl-istat li kienet tinsab fih qabel il-kommissjoni tal-ispoll odjern, u dan f' terminu qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss, okkorrendo taħt is-sorveljanza ta' periti nominandi;

iii) Tawtorizza lill-konjuġi Mizzi sabiex, f'kaz li l-atturi rikonvenzjonati jonqsu milli jirreintegraw lill-atturi fil-pussess tagħhom ta' din it-toqba li

minnha jgħaddu l-komunikazzjonijiet tad-drenaġġ fl-istat li kienet tinsab fih qabel il-kommissjoni tal-ispoll odjern fit-terminu mogħti lilhom għal dan il-għan, iwettqu huma stess, taħt is-sorveljanza okkorrendo ta' periti nominandi u bl-ispejjeż a karigu tal-atturi rikonvenzjonati, ix-xogħlijiet kollha neċessarji għar-rispristinazzjoni u r-reintegrazzjoni ordnata;

Bl-ispejjeż kontra l-atturi rikonvenzjonati, li huma minn issa nġunti in subizzjoni.

Rat ir-Risposta ġuramentata tal-istess Manuel Tabone u Marica Tabone Vella għall-kontro-talba preżentata minn Emanuel u Maria konjugi Mizzi fl-14 ta' Awwissu 2020[2] fejn jeċċepixxu bir-rispett u bil-ġurament tiegħu l-istess Manuel Tabone jikkonferma, filwaqt illi jiddikjara illi huwa jaf b'dawn il-fatti personalment;

Illi t-talbiet hekk kif kontenuti fil-kontro-talba fuq imsemmija huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra l-istess konvenuti rikonvenjenti Emanuel u Maria konjuġi Mizzi, u dan għas-segwenti raġunijiet:-

1. Illi preliminarjament ma jirrikorrux ir-rekwiziti tal-Artikolu 396 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u konsegwentement il-konvenuti rikonvenjenti ma setgħu qatt jipproċedu in via rikonvenzjonali. Din il-kawża hija għalhekk destinata li tfalli;

2. Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għall-premess, huma għal kollox mankanti l-elementi klassiċi illi huma mehtieġa għall-ezerċizzju b'suċċess ta' azzjoni ta' spoll, u dan kif sejjer jirriżulta matul it-trattazzjoni ta' din il-proċedura;

3. Illi fit-tielet lok u mingħajr preġudizzju ghal dak kollu premess, il-kontro-talba intentata mill-konvenuti rikonvenjenti hija altrimenti infondata fil-fatt u fid-dritt u dan kif sejjer jirrizulta fil-mori ta' din il-kawża;

4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-liġi;

[2] A folio 16 tal-proċess

Rat illi l-kawża ġiet differita għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-atturi għall-kontro-talba tal-konvenuti, li permezz tagħha qegħdin isostnu li din hija nulla billi ma tissodisfax il-vot tal-liġi kif rifless fl-Artikolu 396 tal-Kap 12.

Rat l-atti tal-kawża.

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet li ressqu l-partijiet kollha fil-kawża limitatament dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-atturi rikonvenzjonati.

**Ikkunsidrat:**

L-azzjoni promossa mill-atturi hija dik ta' spoll fejn fl-ewwel lok l-atturi qegħdin jitolbu dikjarazzjoni li bl-aġir tagħhom meta fetħu tieqa li tagħti għal fuq il-proprjeta` tal-atturi, il-konvenuti kkommettew spoll vjolenti u klandestin għad-dannu tal-atturi.

Il-konvenuti laqgħu billi ressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom iżda wkoll ħadu l-okkazjoni sabiex iressqu kontro-talba. Permezz tal-kontro-talba tagħhom il-konvenuti ukoll mexxew b'azzjoni ta' spoll. Minn qari tal-premessi u tat-talbiet jirriżulta li l-aġir lamentat mill-konvenuti huwa dwar l-gheluq ta' toqba li minnha jgħaddu l-komunikazzjonijiet tad-drenaġġ liema toqba tinsab fil-fond proprjeta' tal-istess konvenuti. Il-konvenuti jallegaw illi f'xi żmien din it-toqba ingħalqet abbużivament mill-atturi. Fil-bidu tas-sena 2020 il-konvenuti reġgħu fetħu t-toqba fil-ħajt sabiex ikunu jistgħu jagħmlu xi tiswijiet fil-komunikazzjoni tad-drenaġġ biss fil-25 ta' Mejju 2020 l-atturi reġgħu għalqu din it-toqba permezz ta' pjanċa tal-ħadid. Talbu għalhekk illi jiġi spurgat l-ispoll bil-konvenuti jiġu reintegrati fil-pussess tal-imsemmija toqba.

L-atturi rikonvenzjonati laqgħu għat-talbiet rikonvenzjonali billi fl-ewwel lok eċċepew illi l-konvenuti ma setgħu qatt jipproċedu in via rikonvenzjonali peress illi l-mertu tal-azzjoni prinċipali huwa għal kollox differenti mill-mertu ta' dik rikonvenzjonali dan għaliex waqt illi fit-talba prinċipali l-kwistjoni hija l-ftuħ ta' tieqa, fir-rikonvenzjoni t-talbiet jolqtu toqba li minnha jgħaddu l-komunikazzjonijiet tad-drenaġġ.

**Ikkunsidrat**

Il-kwistjoni illi nsorġiet hija waħda ta' natura prettament proċedurali.

L-istitut tar-rikonvenzjoni iservi żewġ għanijiet. Fl-ewwel lok l-ekonomija tal-ġudizzju billi kif ravviżat fl-Artikolu 397 tal-Kap 12, tiġi evitata l-multipliċita' tal-kawżi u ż-żewġ talbiet jiġu deċiżi permezz tal-istess kawża. Fl-istess waqt ir-rikonvenzjoni sservi sabiex tagħti lill-konvenut opportunita' kemm jista' jkun wiesa' sabiex jiddefendi ruħu. Il-konvenut jista' jiddefendi ruħu billi jressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu sabiex waqt illi jxellef id-dritt pretiż mill-attur fl-istess waqt jittanta jeżimi ruħu mir-responsabilita' għall-fatt allegat u mill-konsegwenzi u l-effett tal-kundann fil-ġudizzju. Permezz tar-rikonvenzjoni mbagħad il-konvenut javvanza pretensjoni li biha jitlob il-kundanna tal-attur. F'kawżi bħal dik ta' llum fejn tirriżulta talba u kontro-talba, kull waħda mill-partijiet qiegħda tilbes żewġt ikpiepel billi fl-istess waqt qieghda tirrivesti sia r-rwol ta' attur kif ukoll dak tal-konvenut. Isegwi għalhekk illi waqt li l-eċċezzjoni m'hi xejn għajr tweġiba għall-azzjoni prinċipali, u tifforma din ħaġa waħda mal-azzjoni, ir-rikonvenzjoni sservi sabiex toħloq talba u azzjoni ġdida li madanakollu tgħaqqad żewġ kawżi fi proċess wieħed u f'ġudikat wieħed għar-raġuni li t-talba rikonvenzjonali hija konnessa mat-talba fl-azzjoni prinċipali.

Għalkemm ir-rikonvenzjoni hija proċedura pjuttost anomala, dan l-istitut m'għandux jiġi nterpretat b'mod restrittiv b'tant li jipiċċa jeskludi l-kontro-talba. F'sens metaforiku, il-leġislatur ried jolqot żewġ għasafar b'ġebla waħda u għalhekk bl-introduzzjoni tal-istitut tar-rikonvenzjoni ħaseb li waqt li jippromwovi l-ekonomija tal-ġudizzju, joffri lill-konvenut difiża mill-aktar wiesa' partikolarment f'kuntest tal-prinċipju bażilari tal-*equality of arms* bejn il-kontendenti f'kawża. Huwa f'dan il-kuntest li l-Qorti trid tanalizza s-siwi tal-eċċezzjoni għall-kontro-talba u b'hekk tevita li tinħoloq sitwazzjoni ta' kunflitt mal-ispirtu tal-liġi.

Il-ġurista **Cristiano Mandrioli** jispjega r-rikonvenzjoni hekk:

"*... il convenuto entra nel proċesso quando l'oggetto di questo e' gia` determinato dalla domanda dell'attore, e' logico che l'ambito di questa domanda costituisca un limite per il convenuto. Il quale, d'altra parte, e come pure si era notato, non e' affatto pregiudicato, da tale limite, nel suo diritto alla tutela giurisdizionale,*

*poiche' nessuno gli impedisce di far valere le sue diverse domande in un altro diverso proċesso, in veste di attore. E pertanto, in linea di principio, l'ammissibilita' delle domande riconvenzionali dovrebbe essere esclusa in quanto evidente causa di sovrapposizione disordinata e caotica di diverse materie di giudizio in un unico processo. Il che, peraltro, non impedisce che queste ragioni di opportunita' si invertano nei casi in cui tra la domanda principale e quella riconvenzionale esiste un particolare rapporto che renda vantaggioso ed opportuno – per la c.d. economia dell'attivita' giudiziale – l'esame di entrambe le contrapposte domande in un unico processo.*"

Fil-Kodiċi ta' Proċedura u Organizazzjoni Ċivili, Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikonvenzjoni hija regolata permezz tal-Artikoli 396 et seq. L-Artikolu 396 jaqra hekk:

"*Fil-kawżi, l-konvenut jista' jagħmel kontro-talba kontra l-attur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba tal-attur kif sejjer jingħad hawn taħt:*

*(a) meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun ġejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun ġejja t-talba tal-attur; jew*

(b) *meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaċi l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b'kull mod ieħor iġib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew li jimpedixxi l-effetti tagħha.*"

Għall-każ ta' llum japplika l-paragrafu (a) tad-dispozizzjoni.

Minn qari ta' din id-disposizzjoni wieħed jintebaħ illi **l-konessjoni** bejn it-talba u l-kontro-talba hija prerekwiżit tal-istitut tar-rikonvenzjoni. Tajjeb għalhekk tingħata ħarsa lejn id-definizzjoni ta' konnessjoni kif interpretata fil-ġurisprudenza.

Huwa paċifiku li konnessjoni ma tfissirx dipendenza kemm hu hekk, kif anki jirriżulta mill-Artikolu 401 tal-Kap 12, il-kontro-talba hija indipendenti mill-azzjoni ewlenija b'tali mod li anki jekk l-azzjoni prinċipali tiġi fi tmiemha, sew jekk hux għaliex l-attur għal xi raġuni jkun irrinunzja għall-atti jew għaliex il-konvenut ikun ammetta dik it-talba, il-kontro-talba tkompli miexja l-quddiem mingħajr ebda xkiel sakemm jingħata l-ġudikat.

L-Artikolu 395 tal-Kap 12 jammetti konnessjoni bejn it-talba prinċipali u l-kontro-talba f'erbgħa (4) ċirkostanzi u cioe meta t-talba u l-kontro-talba jitnisslu mill-istess: i) titolu; ii) mill-istess fatt; iii) mill-istess kuntratt; jew (iv) meta l-iskop tal-kontro-talba huwa t-tpaċija tal-kreditu jew li b'kull mod ieħor iġġib fix-xejn l-azzjoni attriċi. Bla dubju ta' xejn, il-leġislatur Malti kien liberali ħafna meta ntroduċa l-Artikolu 396 tal-Kap 12 u ħoloq kriterji ta' konnessjoni vasti ħafna.

Fir-rigward tal-istitut tar-rikonvenzjoni, il-Qorti tqis bħala awtorevoli s-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament ippresjeduta, mogħtija fit-30 ta' Mejju 2019 fl-ismijiet **Antoinette Debono vs Mario Vella**[3]. Sabiex waslet għad-deċizjoni tagħha l-Qorti f'dik is-sentenza daħlet fi studju komprensiv u komparattiv li jħares fid-detall l-iżvilupp tal-istitut tar-rikonvenzjoni fis-sistema legali Maltija.

Fis-sentenza appena ċitata l-Qorti għamlet referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Carmel Farrugia v Alexandra Farrugia**, deċiża mill-mibki Imħallef Raymond C. Pace fis-6 ta' Marzu 2003, liema sentenza trattat fost l-oħrajn il-kwistjoni tal-konnessjoni. Ingħad hekk:

*Illi dan l-aspett gia` ġie estensivament ikkonsidrat fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet* ***Paul Bezzina et vs Eagle Beams Limited et*** *deċiża minn din il-Qorti fil-4 ta' Diċembru 1998, u qed issir riferenza għal rakkolta ta' sentenzi hemm ċitati fl-istess deċiżjoni li kkonfermaw illi r-rekwisiti sabiex issir il-kontro-talba huma dawk enunċjati fis-sentenza* ***Neg. Luigi Spiteri Debono vs Neg. Charles Darmanin noe*** *(V.A.M. 24 ta' April 1930) u cjoe` li jkun hemm:-*

*(a) la comunanza di origine delle due causi, ovverro*

*(b) la eliminazione reciproca delle due domande.*

*"Illi dan jissussisti meta "le due domande emanano dallo stesso fatto, dallo stesso contratto o titolo".*

*"**Illi minn dan jirriżulta li l-leġislatur kien liberali sew**, u l-intenzjoni tiegħu kienet mhux biss li tiġi eliminata l-obbligazzjoni attriċi, jew ikkompensata, iżda*

[3] Mhux appellata.

*ukoll jekk id-domandi attrici jiġu b'kull mod, jekk mhux estinti, anke newtralizzati.*

*"Illi tenut kont tal-fatt, li l-iskop tal-kontro-talba, huwa sabiex żewġ kawżi bejn l-istess partijiet jinstemgħu fi proċess wieħed, u b'hekk jiġu evitati multipliċita' ta' kawżi bejn l-istess persuni, l-interpretazzjoni tal-istess artikolu għandha tkun waħda estensiva, imbasta l-bażi tal-istess tiġi rispettata u mhux żnaturata.*

*"Illi għalhekk fl-interpretazzjoni tal-fonti ta' origine tal-istess kontro-talba, u cjoe` il-kuntratt, it-titolu u l-fatt, dawn għandhom dejjem jiġu nterpretati fil-kumpless ta' ċirkostanzi li jagħtu ħajja għall-kawża u li jifformaw il-bażi tal-litigazzjoni. Dan tant huwa minnu li l-leġislatur permezz ta' sub-artikolu (2) jestendi l-istess għal kull mezz li bih l-azzjoni attriċi tiġi estinta, jew l-effetti tagħha jiġu newtralizzati. "Illi dan kollu għaliex "la riconvenzione, essendo in diritto un mezzo di difesa, venne dal legislatore giustamente estesa a tutti i casi suddetti in cui il convenuto, agendo contro il suo attore, potrebbe difendersi". (**Nicholas Ellul et vs Mary Cutajar et** – P.A. (FGC) – 15 ta' Mejju,1998).*

*"Illi konsistentement mal-premess, ġew ammessi kontrotalbiet anke meta l-azzjoni attriċi hija waħda kambjarja, bil-limitazzjoni tal-eċċezzjonijiet li l-istess kawża timponi u dan proprju abbażi tal-**artikolu 396(2) ("Guillaumier Industries Limited vs Victor Vella et**" – RCP- 4 ta' Dicembru 1998).*

*"Illi dan kollu huwa konformi mal-ġurisprudenza preżenti li biha il-formalizmu esaġerat għandu jiġi eliminat għal kollox, b'dan li wieħed għandu jagħti ħafna aktar importanza għas-sustanza milli għall-forma, u għandu jsir kull tentattiv sabiex jiġu salvati l-atti ġudizzjarji, u l-emendi li saru fl-1995 huma primarjament intiżi għal tali skop, u ineffetti ikkanonizzaw il-giurisprudenza moderna u konstanti tal-aħħar snin".*

Bl-applikazzjoni tal-paragrafu (a) tal-Artikolu 396 tal-Kap 12, tlieta (3) huma ċ-ċirkostanzi li joħolqu konnessjoni. Għall-każ ta' llum għandha tapplika dik iċ-ċirkostanza li titnissel mill-istess fatt.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Debono vs Mario Vella**, op. cit., il-Qorti għamlet referenza għad-definizzjoni ta' fatt kif mogħtija mill-awturi kif ukoll mill-ġurisprudenza nostrana. Ingħad hekk:

*Kif rajna, huwa biss il-kodiċi Malti li jpoġġi espressament il-konnessjoni ta' fatt bħala waħda mit-tlett presupposti alternattivi tal-istitut tar-rikonvenzjoni. Naturalment tqum il-mistoqsija: il-leġislatur x'qiegħed jifhem bil-kelma 'fatt'? Skont definizzjoni mogħtija mid-*Digesto Italiano, u accettata mill-Qrati Maltin[4] *"Il 'fatto' e' la manifestazione esteriore delle facolta' intellettuali e volitive dell'uomo e come tale puo' formare causa di obbligazione[5] e nel caso procedurale 'fatto' significa anche 'il complesso di tutte le circostanze che hanno dato causa e che formano l'oggetto di una lite'[6]*

*Il-kittieb famuż* **Chiovenda** **<u>jiddistingwi "fatt" minn "fatt ġuridiku":</u>**

> *La sentenza di rigetto e i fatti giuridici* - *se analiziamo la ragione per cui una sentenza di rigetto puo' negare l'esistenza dell'azione, vediamo che e' diversa secondo la natura del fatto giuridico che il giudice ha* considerato come esistente o non esistente.
>
> *Diconsi fatti giuridici i fatti da cui deriva l'esistenza, la modificazione o la cessazione di una volonta' concreta di legge: e* come tali *distinguonsi dai fatti sempliċi o motivi, i quali hanno importanza pel* diritto solo in quanto possono servire *a provare l'esistenza di un fatto* giuridico. . . . .
>
> *Fatti costitutivi: che danno vita a una volonta' concreta di legge e alla aspettazione d'un bene per parte di alcuno. Ad esempio, un prestito,* una successione. Vengono in questa categoria anche i fatti costitutivi *dell'interesse ad agire.[7]*

*M'hemmx dubbju li meta l-liġi tagħna titkellem, fir-*rigward tar-rikonvenzjoni, *dwar "l-istess fatt" hija wkoll qed tirreferi għall-"fatt ġuridiku"; fi kliem ieħor* fatt *li minnu jitnisslu l-ħolqien, tibdil jew tmiem* tal-attwazzjoni tal-*liġi f'każ partikolari. Kif inhu magħruf, il-liġi għandha effett ġenerali, u kull min jiftaħ kawża – jew* kontro-talba - *iġib miegħu sitwazzjoni ta' fatt partikolari u jistieden*

---

[4] **Negoziante Luigi Spiteri Debono noe v Negoziante Charles Darmanin noe** 25.04.1930 QA [A. Mercieca – F Buhagiar – E Ganado] XXVII.i.886.
[5] – Voce 'Fatto'(Diritto Civile) Vol IX p. 548)
[6] (Digesto Italiano p. 549 Procedura Civile).
[7] Giuseppe Chiovenda, Principii di Diritto Proċessuale Civile, Napoli, 1923, pagna. 222

*il-Qorti biex tapplika l-liġi (ġenerali) għal dak il-każ, jew fatt, speċifiku. Chiovenda jgħid ukoll li*

> *Normalmente i fatti giuridici, avendo importanza solo per l'applicazione d'una volonta' di legge, sono accertati dal giudice solo come premessa del sillogismo che conduce all'accertamento di questa volonta; e* da soli *non possono essere oggetto principale di un accertamento*[8].

*Is-sentenzi l-iktar awtorevoli tal-Qrati tagħna, u, b'mod konsistenti, is-sentenzi tal-Qorti tal-Appell,* ***interpretaw il-kelma "fatt" b'mod wiesa*** *bħala li tfisser* ***mhux biss iċ-ċirkostanza partikolari dedotta fil-ġudizzju mill-attur, imma wkoll il-kumpless ta' cirkostanzi antecedenti għaliha, jew konkomitanti magħha****.*

*Fil-kawża seminali* **Spiteri Debono v Darmanin***, il-Qorti tal-Appell ma qablitx mal-interpretazzjoni tal-Ewwel Qorti li t-tielet kunsinna ta' merkanzija mibgħuta mill-esteru ma kellhiex x'taqsam mal-ewwel żewġ kunsinni, ilkoll magħmulin bejn l-istess partijiet. Għalkemm din ma kinitx kawża ta' rikonvenzjoni, imma waħda ta' konnessjoni ta' kawża, xorta waħda applikat il-principji tar-rikonvenzjoni u partikolarment ta' x'inhu l-istess "fatt".*

*L-attur xtara 500 kaxxa kunserva bil-prezz ta' £6 6s 0d –il kilo, li kellu jirċievi permezz ta' diversi konsenji. L-ewwel ircieva 100 kaxxa fin-1928. Fin-1929 irċieva 100 kaxxa oħra. Mill-ewwel kunsinna l-attur irtira 10 kaxxi u halla 90 fl-imhazen tal-Gvern; u mit-tieni kunsinna irtira kaxxa għall-eżami kimiku u l-bqija ddaħħlu fl-imhazen tal-Gvern. L-attur allega li għal dawn il-partiti hallas £630. Intbgħatet it-tielet partita li l-attur irrifjutaha. Id-ditta konvenuta fethet kawża* **Darmanin v Spiteri Debono** *kontra l-attur biex jirtira d-dokumenti u jhallas £333 18s 1d bilanċ tal- prezz tal-istess merkanzija. Waqt li* **Darmanin v Spiteri Debono** *kienet għadha pendenti, Spiteri Debono fetaħ kawża oħra għad-deprezzament tal-merkanzija tal-ewwel żewġ partiti li tħassret, u għad-danni. Il-Qorti tal-Appell qalet li t-tlett kunsinni "emanino dallo stesso 'fatto', ovvero dalla stessa operazione che e' interceduta tra i contendenti in riguardo alla vendita in questione e consegne successive. La prima Corte ritenne che le parti non contemplarono il contratto come un tutto indivisibile, ma come tante vendite distinte, cio' che significa* **che 'unica' era la 'operazione' ovvero 'il complesso**

[8] Ibid, p. 1005.

***di tutte le circostanze' che diedero causa alla unica vendita a consegne successive, ovvero come ritenne la prima Corte, a piu' vendite**."*

*Il-kawża* **Paul Gambin v Frank Gambin pro et noe**[9] *hija illustrattiva ta' interpretazzjoni dejqa ta' 'fatt' mill-Prim'Awla, li wasslitha għaċ-ċaħda tal-kontro-talba, u interpretazzjoni wiesa tal-istess 'fatt' mill-Qorti tal-Appell li allura wasslitha biex tammetti l-validita' tal-istess kontro-talba. L-attur importa f'Malta Box Van Ford u ħalla f'idejn ħuh il-konvenut Frank Gambin biex jagħmel il-prattiċi kollha meħtieġa fir-rigward, li, minflok ma rreġistraha f'isem ħuh, irreġistraha f'isem soċjeta' kummerċjali li tagħha kien azzjonist flimkien ma' ħuh l-ieħor Anthony Gambin. Meta l-atturipprova jbiegħ il-vann li terzi, skopra li l-vann ma kienx f'ismu proprju u ħutu l-konvenuti naqsu li jieħdu l-passi meħtieġa biex isir it-transfer. Talab għalhekk dikjarazzjoni li huwa uniku sid tal-vann u ordni biex jitrasferixxu l-vann f'ismu. Il-konvenuti qablu li l-vann kien tal-attur u li kienu lesti jdawwru l-vann fuq ismu* **meta jhallashom tal-ispejjez tal-importazzjoni etc.** *Għalhekk għamlu kontro-talba biex jithallsu ta' dawn l-ispejjez.* ***Il-Prim'Awla*** *laqgħet it-talba tal-attur iżda qalet li l-kontro-talba kienet improponibbli:*

> *Huwa car li wara l-ammissjoni tagħhom, il-konvenuti mhumiex qed jippretendu la tpacija, la li jgibu fix-xejn it-talbiet attrici – li anzi qed jammettuhom – u lanqas ma qed jimpedixxu l-effetti konsegwenzjali ta' dawk it-talbiet, hekk ammessi;*
>
> *Il-kontro-talba zgur mhix ibbażata fuq l-istess kuntratt jew titolu tal-attur. Jibqa' biss li jiġi ezaminat jekk dik il-kontro-talba hiex ibbażata fuq l-istess fatt. Il-fatt in kwistjoni huwa li l-van huwa proprjeta' tal-attur. Konsegwenza ta' dan il-fatt huwa d-dritt tal-attur li jkollu dik il-proprjeta' rikonoxxuta, b'registrazzjoni ufficjali mal-awtoritajiet kompetenti. L-ispejjez li nkorrew il-konvenuti għaliex esegwew l-istruzzjonijiet tal-attur u li huma l-oggett tal-kontro-talba għandhom il-bażi fattwali u ġuridika tagħhom f'dan il-ftehim li huma jallegaw li waslu għalih mal-attur talli pprestawlu certi servigi jew fornewlu servizzi. Il-kontro-talba għalhekk mhix 'ġejja mill-istess fatt' kif trid il-liġi, biex tkun ammissibbli r-rikonvenzjoni. Sostanzjalment, biex il-kontro-talba f'każ bħal dan, tkun ammissibbli, irid ikun rikonoxxut mil-*

[9] Qorti tal-Appell (J Said Pullicino, Carmel Agius, JD Camilleri) 27.03.1996

*liġi speci ta' dritt ta' garanzija – cjoe' illi l-konvenuti jkollhom id-dritt tagħhom għar-rimbors tal-ispejjez, garantit billi jirritjenu d-dritt formali tal-proprjeta' tal-van; garanzija li fil-każijiet kongruwi biss, il-liġi tirrikonoxxih bħala d-dritt ta' ritenzjoni – jus ritentionis – bħal, per ezempju, dak tal-lukandier fuq l-effetti personali tal-klijent tal-lukanda għall-hlas tal-allogg;*

*Dan qed jingħad b'riferenza aktar logika u analitika tal-kawżali tal-kontro-talba għaliex naturalment imbagħad . . . jidher li l-pretenzjonijiet konvenuti jirrisalu għal fatti u servigi ta' qabel ma dahal il-van f'Malta . . .Għalhekk in-ness fattwali-guridiku ma jezistix.*

***Il-Qorti tal-Appell** ikkritikat dan l-apprezzament:*

*Il-Qorti ma tistax taqbel li l-'fatt' .... li minnu ġejja t-talba tal-attur huwa li l-van kien proprjeta' tal-attur. Il-fatt kien il-ftehim li kien hemm bejn il-kontendenti....'Fatt' iehor li minnu ġejja t-talba tal-attur huwa illi l-konvenut...minflok irregistra l-vann ... fuq isem l-istess attur spiċċa ...irregistrah fuq isem is-socjeta konvenuta. Huwa dan il-kumpless ta' cirkostanzi li joriginaw mill-kuntratt ta' mandati bejn l-attur u l-konvenut Frank Gambin illi pproduca l-azzjoni attrici. Id-dikjarazzjoni mitluba mill-attur li l-van hu ta' proprjeta' esklussiva tiegħu hi biss domanda preordinata għad-domanda l-oħra principali illi l-konvenuti jigu kkundannati li jonoraw l-obbligazzjonijiet kontrattwali tagħhom li jdawru l-istess van fuq isem l-attur kif kien ġie obbligat li jsir skond il-ftehim oriġinali li kellhom. L-azzjoni hi allura konsegwenzjali għall-allegata inadempjenza kuntrattwali da parti tal-konvenut Frank Gambin;*

*Mill-banda l-oħra l-konvenuti qed jallegaw inadempjenza da parti tal-attur tal-obbliġi assunti minnu fuq l-istess kuntratt ta' mandat. Huma jsostnu li l-attur huwa debitur lejhom f'ammonti minnhom zbankati in esekuzzjoni tal-istess mandat mogħti u aċċettat mill-istess attur u mill-konvenut Frank Gambin rispettivament. Ammonti proprju li jirrigwardaw il-ħlas ta' dazju, transport u pagamenti oħra inkorsi fl-esekuzzjoni tal-pratiki kollha neċessarji biex il-van ikun jista' jidhol f'Malta. Minn dan l-assjem ta' cirkostanzi, kemm fit-talba kif ukoll fil-*

*kontro-talba li ssib l-origini tagħha fi ftehim originali bejn l-attur u huh Frank Gambin, **johrog in-ness bejn iż-żewġ azzjonijiet kemm ta' fatt kif ukoll ta' negozju**. Hu allura sodisfatt ir-rekwizit li l-kontro-talba torigina ex eodem fonte, ex eodem negotio vel eodem contractu kif sintetikament imma incizament jesponu l-ġuristi;*

*Huwa veru illi l-konvenuti m'għandhom l-ebda dritt ta' jus ritentionis fuq il-van…It-titlu li bis-sahha tiegħu qed jivvantaw kreditu kontra l-attur fil-kontro-talba hu dak għall-ħlas ta' servizzi resi fl-eżekuzzjoni tal-mandat u għall-ammonti ta' flus avvanzati fl-interess tal-attur… din is-sitwazzjoni bl-ebda mod ma tippreġudika l-kontro-talba jew l-effikaċja tagħha. Kif fuq indikat, il-kontro-talba hija meqjusa bħala azzjoni separata, distinta u prinċipali u ma hemm xejn x'josta li l-Qorti tilqa' kemm it-talba kif ukoll il-kontro-talba f'ġudizzji allura separati u distinti imma naturalment fl-istess proċess…*

*Huwa stabilit li b' "fatt" wieħed jifhem dik il-ġabra ta' operazzjonijiet jew negozji li nisslet ir-rabta ġuridika [Ara Digesto Italiano (Vol. IX) Voce "Fatto" pag. 548-9 u App. Kumm. **6.2.1985** fil-kawża fl-ismijiet **Maria Grazia Fava vs Salvino Farrugia** (mhix pubblikata)]. F'dan il-każ, il-"fatt" huwa l-kuntratt li bis-saħħa tiegħu l-partijiet intrabtu lejn xulxin biex iseħħ in-negozju. **F'Air Malta plc v Lawrence Borg 30.06.2004 PA [JRM]** il-Qorti qalet li l-azzjoni u l-azzjoni rikonvenzjonali jitqiesu bħala żewġ azzjonijiet li kapaci joqgħodu waħedhom f'eżistenza indipendenti u awtonoma. Kemm hu hekk, l-artiklu 401 tal-Kodici jseddaq din l-awtonomija. Għalhekk, b'"konnessjoni" wieħed ċertament ma jifhimx li l-kontro-talba tkun dipendenti fuq it-talba jew in-natura tagħha."*

*Il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet ukoll li kien hemm komunanza tal-istess fatt fejn il-Malta Drydocks talbet il-kanonizzazzjoni tal-kreditu għal xogħolijiet minnha magħmula fuq vapur, filwaqt li t-talba rikonvenzjonali kienet għad-danni sofferti bħala rizultat taż-żamma llegali u abbużiva tiegħu minkejja li l-ammont pretiż fil-mandat ta' impediment ta' safar oriġinali kien ġie depożitat fir-Reġistru tal-Qorti.*[10]

[10] **Sammy Meilaq v Oral Attinel bħala Kaptan u in rapprezentanza tal-vapur MV YUKON ex MV PACIFIC** – 05.10.2001 Qorti tal-Appell (J Said Pullicino, C.Agius, JD Camilleri).

**Ikkunsidrat**

Abbażi tal-prinċipji suesposti, fl-indaġini tagħha l-Qorti trid tara jekk jirriżultax ness bejn l-azzjoni prinċipali u l-kontro-talba. Ness, li għalkemm mhux tali li joħloq dipendenza ta' azzjoni fuq oħra, joħloq konnessjoni bejn iż-żewġ azzjonijiet b'tali mod li dawn jiġu eżaminati u deċiżi permezz ta' proċediment u ġudikat wieħed.

Fil-każ ta' llum, l-attur qiegħed jakkampa l-azzjoni tiegħu dwar spoll fuq ċirkostanza partikolari u cioe l-allegat ftuħ ta' tieqa li għalkemm din tinsab fil-proprjeta' tal-konvenuti tħares fuq il-bitħa sottostanti, proprjeta' tal-atturi.

Waqt illi l-azzjoni kif impustata mill-attur tiddetta l-parametri tal-kawża u allura tiċċirkoskrivi l-parametri tad-difiża, fl-istess waqt, in kwantu si tratta dwar ir-rikonvenzjoni, il-Qorti għandha tqis mhux biss iċ-ċirkostanza prinċipali kif deduċibbli mill-kawżali u mit-talbiet iżda triq tinterpreta r-rikonvenzjoni minn ottika aktar wiesa' u tħares lejn il-kumpless sħiħ ta' ċirkostanzi u avvenimenti anċillari għaċ-ċirkostanza indikata mill-attur.

Fir-rikors ġuramentat tagħhom l-atturi jirreferu speċifikament għall-ftuħ ta' tieqa da parti tal-konvenuti biss fil-premessa numru ħamsa (5) żiedu jgħidu wkoll "*Illi din it-tieqa nfetħet u ġiet iffurmata fl-istess post fejn preċedentement kien hemm ventilatur, liema ventilatur pero kien ovvjament ferm iċken fil-qies u liema ventilatur kien ingħalaq mill-atturi xi snin qabel*".

Il-konvenuti ħadu spunt sabiex permezz tar-rikonvenzjoni u tan-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom tefgħu aktar dawl fuq dak premess mill-atturi fil-premessa numru ħamsa (5). Ġie mfisser illi fil-fond proprjeta' tal-konvenuti kien hemm toqba li kienet isservi għall-komunikazzjoni tad-drenaġġ mill-kamra tal-banju fil-fond tal-konvenuti għall-barra. F'xi żmien din it-toqba ġiet, allegatament magħluqa mill-atturi a skapitu tad-drittijiet tal-konvenuti. Fil-bidu tas-sena 2020 il-konvenuti ħadu ħsieb jerġgħu jiftħu dik it-toqba sabiex jirranġaw il-komunikazzjoni tad-drenaġġ iżda fil-25 ta' Mejju 2020 l-atturi reġgħu għalqu din it-toqba. Lil hinn minn jekk dawn l-allegazzjonijiet reċiproċi għandhomx mis-sewwa, fatt dan li jrid jiġi stabbilit permezz tal-proċediment fil-mertu wara li kull parti jkollha l-jedd illi tressaq il-provi tagħha, bħala fatt, iċ-ċirkostanzi li taw lok għall-azzjoni prinċipali u għall-kontro-talba tnisslu minn fatt wieħed u

cioe it-toqba fil-ħajt li minnha għaddejja l-komukazzjoni tad-drenaġġ. L-atturi stess jikkonċedu li kienu huma stess li f'xi żmien għaddew sabiex għalqu din it-toqba li huma jsejjħu ventilatur. L-atturi jikkonċedu wkoll illi dik li jsejjħu bħala tieqa infetħet proprju fl-istess post fejn preċedentement kien hemm il-ventilatur li għalqu huma stess. Jidher għalhekk illi l-azzjoni tal-konvenuti hija konsegwenzjali għall-allegat aġir da parti tal-atturi meta dawn għalqu dik it-toqba jew ventilatur fil-ħajt.

Magħduda ċ-ċirkostanzi, kemm dawk riżultanti mill-kawżali tal-azzjoni prinċipali kif ukoll dawk emerġenti mill-kontro-talba, il-Qorti ssib li jirriżulta sodisfatt ir-rekwiżit li l-kontro-talba hija naxxenti mill-istess fatt.

**Decide**

Għar-raġunijiet hawn fuq imfissra, il-Qorti tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-atturi għall-kontro-talba tal-konvenuti u tordna l-prosegwiment tal-kawża.

L-ispejjeż ta' din is-sentenza għandhom jitħallsu mill-atturi.

Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

Dorianne Cordina
Deputat Reġistratur